**28 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.**

Carmelo Cefai

*versus*

Emmanuele Caruana

**Arrest Personali — Kummerċjant — Art. 359(5) tal-Proċedura Ċivili.**

*Id-dispożizzjoni tal-liġi li tagħti lill-Qorti l-fakoltà li tordna l-arrest personali ta' persuna għal djun tal-kummerċ ma tapplikax għal djun ta' nies li ma humiex kummerċjanti, avvolja d-djun ikunu ġew kuntratti b'operazzjonijiet ta' kummerċ, jew ta' kambju, jew ta' senserija. Jista' jkun veru li fil-kuntratt id-debitur ikun ikkwalifika ruħu bħala kummerċjant, u li jkun ta x'wieħed jifhem li huwa kummerċjant; iżda dan ma jgħodd xejn, għaliex wieħed ma jsirx kummerċjant ħlief billi jeżerċita l-professjoni ta' atti obbjettivi tal-kummerċ; u xejn ma jiswa li huwa jintitola ruħu kummerċjant f'atti pubbliċi jew privati, jew li jagħti ad intendere li hu tali b'kull mod possibbli, sija anki b'artifiċji dolużi. Salv, naturalment, id-dmir tal-kummerċjant falz*

*li jiddistruġġi l-preżunzjoni li tidderiva mill-mod tal-aġir tiegħu, u li jirrizarċixxi d-danni lit-terzi nteressati.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li ppremetta illi b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti fid-29 ta' Jannar 1960, fil-kawża fl-ismijiet premessi, il-konvenut Caruana ġie kundannat iħallas lill-attur Cefai is-somma ta' £138 għall-motivi f'dik il-kawża u rispettiva sentenza ndikati, barra mill-interessi kummerċjali sal-jum tal-ħlas effettiv, u barra mill-ispejjeż tal-istess kawża; u illi l-konvenut Caruana ma ħallasx dan id-debitu tiegħu, la kollu u lanqas parzjalment; talab li l-istess konvenut, b'eżekuzzjoni tal-fuq imsemmija sentenza, jiġi kundannat għall-arrest personali, bil-modalitajiet li din il-Qorti jogħġobha tiddisponi għat-tenur tal-analogi dispożizzjonijiet proċedurali. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, evidentement, l-attur jibbaża l-istanza fuq id-dispożizzjoni tal-art. 359(g) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili; skond liema dispożizzjoni ta' liġi l-Qorti tista' tilqa' t-talba għall-arrest personali tal-persuna għad-djun tal-kummerċ; però din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal djun ta' nies li mhumiex kummerċjanti, għad li dawn id-djun ikunu ġew kuntratti b'operazzjonijiet ta' kummerċ, jew ta' kambju, jew ta' senserija;

Għalhekk, l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ma tgħoddx għall-każ preżenti; għaliex ġie pruvat li l-konvenut mhux kummerċjant, u qatt ma kien kummerċjant. Jista' jkun veru li fil-kuntratt ikkwalifika ruħu bħala kummerċjant u li ta ad intendere li kien kummerċjant; iżda dan ma jgħodd xejn, għaliex wieħed ma jsirx kummerċjant ħlief b'manjiera waħda biss, bl-eżerċizzju professjonali ta' atti obbjettivi tal-kummerċ; u għalhekk ma jiswa xejn li wieħed jintitola ruħu kummerċjant f'attijiet publiċi jew privati, jew li jagħti ad intendere li hu tali b'kull mod possibbli, sija anki b'artifiċji dolużi; salv, naturalment, id-dmir

tal-kummerċjant falz li jiddistruġġi l-preżunzjoni li tidderiva mill-mod tal-aġir tiegħu, u li jirriżarċixxi d-dannu litterzi nteressati;

Għaldaqstant, tirrespinġi l-istanza; bl-ispejjeż.